# QORTI TAL-MAGISTRATI ( MALTA )

BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT:**

DR JOSEPH CASSAR BA., LL.D.

**Il-Pulizija**

(Spettur Paul Camilleri)

**vs**
**Rita Mifsud**

Illum 02 ta' Lulju 2002.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Rita Mifsud ta' 39 sena mart John (minnu separata) bint Joseph Briffa u Mary nee' Cutajar, imwielda Pieta' fil-25.12.1962 detentur tal-karta ta' l-identita numru I.D. 31763 (M) u residenti Entrance 'D' Flat 5, Triq Hanover, Bormla, talli:

Fl-4 ta' Jannar 2001 ghal-habta ta' xi 12.30pm fil-bini tal-Qorti, il-Belt Valletta, hassret jew ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe' ghamlet hsara fin-nuccali tal-vista ta' Dr.Emy Bezzina LL.D, liema

hsara hija ta' aktar minn Lm50 (hamsin lira Maltin) izda mhux atar minn Lm 500 (hames mitt lira Maltin), ghad-dannu ta' l-istess ta' l-istess Dr. Emy Bezzina u dan bi ksur tal- artikolu 325 (b) tal-kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data u hin, lok u cirkostanzi volontarjament kisret il-bon ordn u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikoli 338(dd) tal- kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data hin, lok u cirkostanzi hebbet kontra Dr. Emy Bezzina LL.D sabiex tingurjah iddejqu jew taghmillu hsara u dan bi ksur tal-artikolu 339(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bi kliem insulentajt jew heddidt lil Dr.Emy Bezzina LL.D u dan bi ksur tal-artikolu 339(e) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ikkagunat offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Dr.Emy Bezzina LL.D. skond kif iccertifika Dr. Stanley Zammit M.D tac-Centru tas-Sahha tal-Furjana u dan bi ksur tal-artikolu 221 (1) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzata ma oggezzjonatx li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li l-kwerelant irrinunzja ghal-dak kollu li hu rinunzjabbli stante li d-danni thallsu u l-akkuzata ammettiet.

Issibha hatja.

Rat l-art. 338 (bb), 342 u l-art 221 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'’Malta u l-art.9 tal-kap 152.

Stante il-kondotta nadifa ta’ l-akkuzata fil-waqt li ssibha hatja tilliberaha taht il-provedimenti ta’ l-art. 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta’ Malta b’dan li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett xhur mil-llum. Il-Qorti qeghda twissi lill-hatja skond il-ligi.

(iff.) Dr. Joseph Cassar, BA, LL.D
MAGISTRAT

Vera kopja ta’ l-original

(iff) M. Mifsud
Deputat Registratur